# QORTI CIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERC

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum it-Tnejn 18 ta` Jannar 2021**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Nru. 14/2019 JZM**

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

***kontra***

**1) Tonio Ciantar (469269M)**

**2) Dr John L. Gauci (5782G) bhala likwidatur tal-kumpannija N Ciantar & Sons Ltd (C14471) ghal kull interess li jista` jkollha**

**Dan huwa provvediment dwar talba li ressaq il-bank rikorrent fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2020 sabiex ix-xiehda li tat Francesca Ciantar fil-procediment tal-istralc tal-kumpannija N Ciantar & Sons Ltd (Nru. 152/2002/1) tkun tikkostitwixxi prova wkoll ghall-fini ta` din il-kawza.**

**Il-Qorti :**

Rat il-verbal shih tal-udjenza tad-9 ta` Ottubru 2020 fejn *inter alia* jirrizulta illi :

1. It-talba tal-bank rikorrent kienet opposta mill-intimat Tonio Ciantar ghar-raguni li :

*l-azzjoni odjerna hija bazata fuq l-artikolu 315 tal-Kap 386 u hija azzjoni li taghti lok ghal zewg azzjonijiet : azzjoni civili u azzjoni kriminali. Billi Francesca Ciantar hija l-mara tal-konvenut Tonio Ciantar hija "a competent but not a compellable witness".*

2. L-istralcjarju rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-qorti.

3. Il-bank rikorrent wiegeb ghall-opposizzjoni tal-intimat Ciantar fis-sens illi *l-proceduri huma quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc) u mhumiex proceduri kriminali ; it-tieni nett Francesca Ciantar qeghda titharrek bhala xhud fil-vesti taghha ta` direttrici u b`rabta fost l-ohrajn ma` kuntratti li saru bejnha u kumpanniji ohra taghha u ghalhekk din ix-xiehda certament ma japplikawx ghaliha l-principji msemmija mill-parti l-ohra.*

**Ikkunsidrat :**

Il-kawza odjerna kienet intavolata abbazi tal-**<u>Art 315 tal-Kap 386.</u>** Minn qari taz-zewg subartikoli (li jaghmlu d-disposizzjoni) jidher illi l-ewwel (1) subartikolu jirregola l-aspetti civili tal-materja, filwaqt li t-tieni (2) subartikolu jittratta dawk kriminali. Fil-kawza tal-lum, din il-qorti ghandha kompetenza sabiex tiddeciedi skont l-ewwel (1) subartikolu.

Ma jirrizultax li sal-lum kienu istitwiti jew hemm pendenti kontra l-intimat Tonio Ciantar proceduri kriminali abbazi tat-tieni (2) subartikolu tal-Art 315 tal-Kap 386. Ghalhekk l-**<u>Art 633(2) tal-Kap 9</u>** mhuwiex applikabbli ghall-kwistjoni mertu ta` dan il-provvediment.

Lanqas ma tista` tigi nvokata l-applikazzjoni tal-**<u>Art 566(1)(b) tal-Kap 12</u>** ghas-sitwazzjoni prezenti.

Qed jinghad hekk ghaliex sal-lum bhala fatt il-bank rikorrent mhuwiex qed jitlob li Francesca Ciantar tixhed fil-kawza odjerna. Li rrizulta sal-lum huwa li Francesca Ciantar xehdet **bla rizervi** fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2020 tal-procediment ta` stralc tal-kumpannija N Ciantar & Sons Ltd. Kienet imharrka minn HSBC Bank Malta plc sabiex tiddeponi. Fil-fatt tat ix-xiehda taghha **minghajr opposizzjoni ta` hadd, inkluz taghha**. Tant hu hekk li fil-kors ta` dik l-udjenza l-avukat ta` Francesca Ciantar ipprezenta zewg dokumenti fil-presenza taghha.

It-talba tal-bank rikorrent mhux biss hija legittima, izda hija konformi mal-**Art 558 tal-Kap 12.**

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda tilqa` t-talba tal-bank rikorrent.**

**Ghalhekk tordna li kopja legali tat-traskrizzjoni tax-xiehda li tat Francesca Ciantar fl-udjenza tas-6 ta` Ottubru 2020 tal-procediment ta` stralc tal-kumpannija N Ciantar & Sons Ltd (C14471) [152/2002/1] tigi nserita mir-Registratur Qrati Civili u Tribunali jew rapprezentant tieghu fl-atti tal-kawza odjerna. L-imsemmija deposizzjoni ta` Francesca Ciantar tkun tikkostitwixxi prova ghall-fini ta` din il-kawza.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment ikunu a kariku tal-intimat Tonio Ciantar.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**